MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2007

Appell Kriminali Numru. 268/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Maatoug Amor Ben Mohammed**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Maatoug Amor Ben Mohammed talli f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe`:

(1) Fit-23 ta' Settembru 2001 ghall-habta tas-1.30 ta' filghodu mill-fond bin-numru 884 Galaxy Apartments, Triq Mons. De Piro, Sliema flimkien ma' persuna ohra mhux maghrufa kkommetta serq ta' diversi hwejjeg, apparat elettroniku kif ukoll passaport bin-numru 54374298 ghad-

dannu tas-sid Hans Magnus Andersson mill-Isvezja, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, bil-lok u bil-hin;

(2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi mill-fond bin-numru 884 Galaxy Apartments, Triq Mons. De Piro, Sliema flimkien ma’ persuna ohra mhux maghrufa kkommetta serq ta’ diversi hwejjeg, apparat elettroniku, passaport bin-numru mhux maghruf kif ukoll Visa Credit card ghad-dannu tas-sid Daniel Englund mill-Isvezja, liema serq huwa kkwalikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, bil-lok u bil-hin;

(3) Bhala persuna barra mill-ufficjal awtorizzat li johrog karti tal-identita` bil-hsieb li jqarraq, ghamel xi marka jew dhul fuq, jew hassar, ikkancella, bidel jew issostitwixxa xi marka jew dhul maghmul fuqha, jew xort’ohra hassar jew iddistrugga, karta ta’ l-identita` bin-numru 20251(A);

(4) Bhala persuna li kellu fil-pussess tieghu iktar minn karta tal-identita` wahda mahruga dwaru naqas li minghajr dewmien, hu personalment jipproduci dawk il-karti lill-ufficjal awtorizzat u li ghandu jikkonsenjalu karta wahda jew aktar kif dak l-ufficjal jehtieg;

(5) F’dawn il-Gzejjer, fit-23 ta’ Settembru 2001 u fix-xhur ta’ wara, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan isir f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

(6) Fl-24 ta’ Settembru 2001 u fix-xhur ta’ qabel din id-data meta nstab li kellu fil-pussess tieghu passaport bin-numru 54374298 mahrug f’isem Hans Magnus Andersson mill-Isvezja, naqas li fiz-zmien stabbilit jikkunsenjah fl-ufficcju tal-passaporti jew lill-Pulizija;

(7) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu u ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn passaport mahrug lil persuna ohra;

(8) Ikkommetta reat ta' serq aggravat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn li giet imposta fuqu fis-27 ta' April 2001 mill-Magistrat Dott. J. Padovani Grima LL.D.;

(9) Sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Lulju 2006, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Maatoug Amor Ben Mohammed hati ta' l-imputazzjoni kkontemplata fl-artikolu 4 tal-Kap. 61 u minnha lliberatu izda sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra dedotti u, wara li rat l-artikoli 18, 261(b)(f)(g)(c), (e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 271, 278, 330, 279(a), 280, 281, 334, 325(a), 289, 49, 50, 28A sa 28H, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, l-artikoli 11, 12(1)(2) u 12(3) tal-Kap. 258 u l-artikoli 4, 7 u 11 tal-Kap. 61, ikkundannatu ghal tliet snin prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv u ordnat li ai termini ta' l-artikolu 28B tal-Kap. 9 s-sentenza sospiza ta' sena prigunerija tibda ssehh;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Maatoug Amor Ben Mohammed ipprezentat fis-27 ta' Lulju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti liberatorja u tirrevokaha fejn instab hati u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dak l-imputazzjonijiet, u f'kaz li tikkonferma s-sentenza taghti piena aktar ekwa u gusta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti, tant hu hekk li mhux biss ma ghaddietx biex tezamina l-verzjoni li ta l-appellant kif korroborata in parti b'fatturi cirkostanzali rizultanti mix-xhud prodott in difesa izda talli

rrimarkat li xhud li skolpa lill-appellant ma kienx qed jitwemmen ghaliex waqt l-incident kien eccitat u s-serqa saret fid-dlam. Sta ghall-prosekuzzjoni li tressaq provi li jindikaw l-appellant u mhux bil-kontra; (2) minghajr pregudizzju, il-piena nflitta hi fic-cirkostanzi esagerata.

L-ewwel aggravju, li jirrigwarda biss l-ewwel zewg imputazzjonijiet u cioe` s-serq mill-Galaxy Apartments, jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall--konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].
Jigi osservat l-ewwelnett illi meta tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-5 ta’ Ottubru 2001 l-appellant gie akkuzat b’diversi reati (u anke interrogat dwarhom) li sussegwentement fid-19 ta’ Ottubru 2001 gew irtirati wara li rrizulta li numru ta’ dokumenti li kienu rcevew il-Pulizija minghand il-mara ta’ l-appellant thalltu ma’ dokumenti

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

ohra. Ghalhekk hemm xhieda li nstemghu mill-ewwel Qorti li mhumiex rilevanti ghall-kaz.

Minn ezami approfondit tal-provi rilevanti jirrizulta li ghal dak li jirrigwarda numru ta' imputazzjonijiet, ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni kienet il-mara ta' l-appellant Abigail Maatoug li, meta giet prodotta biex tixhed fid-19 ta' Ottubru 2001, giet indirizzata mill-ewwel Qorti f'dan is-sens: *"Sinjura ghandek id-dritt li ma tixhidx jekk inti trid. Taghzel li tixhed?"* Ix-xhud wiegbet: *"Nixhed."*

Tajjeb hawn li jigi riprodott l-artikolu 635 tal-Kodici Kriminali li jghid testwalment hekk:

**"635. (1) B'dak kollu li jinghad fl-artikolu 633, ir-ragel ma jistax jingieb xhud favur jew kontra martu, u l-mara favur jew kontra zewgha, hlief meta –**

**(a) ir-reat ikun sar kontra x-xhud jew kontra l-axxendenti jew id-dixxendenti tieghu;**

**(b) fil-kaz ta' reati kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni, meta r-ragel jew il-mara tal-parti imputata jew akkuzata tkun persuna li fuqha jew dwarha jkun sari r-reat jew tkun persuna li fuq il-qligh tal-prostituzzjoni taghha l-imputat jew akkuzat ikun ghex;**

**(c) b'talba ta' l-imputat jew akkuzat ghax-xiehda ta' martu jew zewg l-imputat jew akkuzat stess, meta dan jista' jixhed taht gurament skond l-ahhar artikolu qabel dan.**

**(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jghoddu wkoll jekk ir-ragel jew il-mara ta' l-imputat jew akkuzat ikunu xhud favur jew kontra wiehed barrani illi jkun ghaddej kawza flimkien mar-ragel jew il-mara tax-xhud"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fil-kaz in ezami, l-ebda wahda mic-cirkostanzi msemmija fil-paragrafi (a), (b) jew (c) tas-subartikolu (1) ta' l-

imsemmi artikolu 635 ma kienu jissussistu, u ghalhekk il-mara ta' l-appellant ma setghetx tingieb mill-prosekuzzjoni biex tixhed la favur u lanqas kontra zewgha u wisq anqas ma jmissha nstemghet mill-ewwel Qorti. Ghalhekk dak kollu li hija xehdet u dak kollu li xhieda ohra setghu qalu li qaltilhom ma jistax jitqies bhala prova la favur u lanqas kontra l-appellant. Konsegwentement din il-Qorti sejra tikkunsidra l-provi rimanenti u specifikatament dawk li jirrigwardaw is-serq mill-appartament 884 Galaxy Aapartments peress lid war l-imputazzjonijiet l-ohra ma hemm ebda aggravju:

**Magnus Hans Anderson** xehed illi fit-23 ta' Settembru 2001 irrapporta serqa mill-appartament fejn kien qieghed joqghod tal-passaport tieghu, hwejjeg, contact lenses u xi Lm65 flus kontanti flimkien ma' bagalja. Qal illi meta dahal fl-appartament sema' xi hsejjes u haseb li kienet xi cajta ta' shabu izda meta dahal fil-kamra tas-sodda li kienet fid-dlam ra zewg persuni (il-hallelin). Mistoqsi kienx qieghed jaghraf lil xi hadd fl-Awla, wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi kienx qieghed jibza' mill-imputat wiegeb: *"I have never seen him before"*. Qal ukoll: *"I repeat I have never seen this man before. In my opinion there were two other thieves and not this person. I am not one hundred per cent sure if the person was him or not him, but what I can say is that it was dark …I say that I did not see the face of the thieves but I say that this person is also very tall like Swedish men. The people that were in my apartment were roundabout 1 meter 84 cm. tall … I am being asked again by the prosecuting officer if I saw the faces and my answer is everything happened very fast, within ten seconds, and it was very dark in my room"*.

**David Englund** kien qieghed fl-istess appartament u lilu nsterqitlu l-bagalja kollha flimkien ma' l-ID, visa, passaport, cwievet, CD player, madwar ghoxrin CD u l-biljett ta' l-ajru.

**L-Ispettur Carmelo Magri** interroga lill-appellant li nnega salv li dwar il-passaport Svediz ta' Magnus Hans Anderson qal li kien rah id-dar u li kienet gabitu l-mara tieghu. Huwa kkonfronta lill-appellant ma' martu li taw

verzjonijiet konfliggenti dwar il-provenjenza tal-passaport izda l-appellant baqa' jinnega.

**P.S. 524 Paul Cassar** xehed illi fl-24 ta' Settembru 2001 kien l-ghassa tas-Sliema ghall-habta tat-8.00 p.m. meta marret Abigail Maatoug li rrapportat li kienet ilha ma tara lir-ragel mill-gurnata ta' qabel mit-3.00 p.m. izda waqt li beda jdahhal *missing person report* qaltlu li kien ghadu kemm ikkuntattjaha r-ragel. Fuq allegazzjoni taghha li kienet qed tissuspetta li r-ragel kien involut f'affarijiet illegali, ix-xhud mar jaghmel tfittxija fir-residenza taghha u ta' l-appellant. Qal li fl-ghassa mart l-appellant ghaddietlu passaport Svediz, xi ID cards u visa cards bl-isem ta' David Michael England kif ukoll tliet settijiet tac-cwievet. Fid-dar ma sabx *cameras* jew *radios* izda kien hemm baskett bil-hwejjeg li pero` halla fil-post sabiex ma jiddisturbahx halli l-appellant ma jkunx jaf li martu kienet gabet il-Pulizija d-dar. Fost ic-cwievet kien hemm sett b'tag hadra bil-kitba "4th Floor 844" (in-numru ta' l-appartament fejn kienu qeghdin jirrisjedu d-derubati). L-oggetti li ghaddietlu l-mara ta' l-appellant ma jafx fejn kienu ghax tathomlu *"by hand"*.

**Anna Farrugia** xehdet li tghin lir-ragel taghha fil-Mercury Residence f'Tas-Sliema. Giet murija t-tliet settijiet tac-cwievet u gharfet dawk bin-numru 844 u dawk bin-numru 813 li t-tags huma miktubin minnha u l-844 kien l-appartament minn fejn saret is-serqa fit-23 ta' Settembru 2001.

**P.S. 487 Alfred Fabri** xehed dwar ir-rapport li ircieva minghand id-derubati.

L-appellant ghamel zewg stqarrijiet. Fl-ewwel wahda, b'referenza ghas-serqa mill-appartament imsemmi, mistoqsi dwar visa credit card f'isem Daniel Englund u l-karta ta' l-identita`, qal li kienu mal-passaport blu li kienu f'baskett li sabet il-mara, bhalma kienu c-cwievet. Cahad li hu seraqhom. Fit-tieni stqarrija, wara konfront li sar mal-mara tieghu, l-appellant insista li mhux hu kien seraq l-affarijiet u qal li qatt ma rahom id-dar. Fit-28 ta' Frar 2003 l-appellant xehed u dwar il-baskett bil-hwejjeg qal li kien

sabhom quddiem il-bieb tad-dar tieghu, dahhlu d-dar u kien fih hwejjeg mahmugin, passaporti u ID card u kien ser jiehdu l-ghassa izda ma lehaqx ghax dak il-lejl stess iggieled mal-mara u telaq mid-dar u baqghu hemm. Kien hu li dahhalhom id-dar.

Minn dawn il-provi kollha, l-unika prova li l-appellant kellu fil-pussess tieghu baskett bil-hwejjeg, passaporti u ID li ma kinux tieghu, tigi minn dak li xehed quddiem l-ewwel Qorti li sabhom quddiem il-bieb tad-dar tieghu u dahhalhom id-dar. L-ewwel Qorti ddikjarat fis-sentenza taghha li ma qisitx kredibbli l-istorja ta' l-appellant dwar is-sejbien ta' l-oggetti. Hija sahhet l-argument taghha billi rreferiet ghall-kontradizzjonijiet li offra l-istess appellant. Fil-fatt, stranament, meta gie interrogat mill-Pulizija allega li kienet il-mara tieghu li kienet sabet l-affarijiet u dahhlithom id-dar. L-ewwel Qorti rreferiet ukoll ghax-xiehda ta' Magnus Anderson, liema xiehda pero` ma tistax tittiehed bhala xi forma ta' identifikazzjoni ta' l-appellant. Irreferiet ghax-xiehda ta' Anna Farrugia, li hija prova biss li zewg settijiet cwievet li rcieva P.S. 524 Paul Cassar minghand mart l-appellant kienu ta' l-appartamenti li hi u zewgha jiehdu hsieb, fosthom ta' l-appartment mnejn twettaq is-serq. Fl-ahharnett irreferiet ghar-rapport ta' P.S. 487 Alfred Fabri, li jikkonsisti biss fir-rapport li sar minn Magnus Hans Anderson dwar is-serq u l-oggetti misruqa u fejn jaghti ukoll deskrizzjoni ta' wiehed mill-hallelin.

Huwa utili hawn, pero`, li ssir referenza ghall-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Emanuel Seisun et** deciz minn din il-Qorti diverament presjeduta fis-26 ta' Awissu 1998 fejn gie osservat li t-teorija Ingliza *"of unlawful possession of recently stolen goods"* issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna ghax in tema ta' *"law of evidence"*, il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-bwon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti.

F'dik is-sentenza din il-Qorti ccitat mill-**Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice** (1997, paras. 21-125, 21-12):

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C. A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from* *Cross on Evidence**, 5th ed., p. 49 (now 8th ed., p. 35): 'If someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen …. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue.*

*"Every case depends on its own facts. … It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of he defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence"* (Ara wkoll Appell Kriminali, **Il-Pulizija v. Richard Spiteri**, 31 ta' Awissu 2006).

F'dan il-kaz l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi li l-appellant ma kienx kredibbli

meta qal li kien sab il-baskett barra d-dar tieghu. Il-kontradizzjonijiet fil-verzjonijiet li ta huma evidenti. Jekk verament kien “sabu”, x’kienet ir-raguni li wahhal fil-mara tieghu meta gie interrogat mill-Pulizija? X’kienet ir-raguni li ma bidilx il-verzjoni tieghu meta gie konfrontat mal-mara tieghu fl-ufficcju ta’ l-Ispettur li kien qieghed imexxi l-investigazzjoni? L-appellant xehed li ma lehaqx ha l-baskett ghand il-Pulizija ghax iggieled mal-mara tieghu u telaq mid-dar. Din il-Qorti tosserva li l-appellant ma tantx jidher li qatt kellu hin imur l-ghassa peress illi anke rigward il-karta ta’ l-identita` “mitlufa” jghid li ma kellux cans imur l-ghassa meta din giet ritornata lilu. Il-fatt li l-appellant ma kienx kredibbli ma jfissirx awtomatikament li kellu jinstab hati tar-reat ta’ serq, aktar u aktar in vista ta’ dak li xehed wiehed mid-derubati, cioe` Magnus Hans Anderson, li fix-xiehda tieghu beda biex jeskludi lill-appellant bhala wiehed mill-hallelin. Mill-banda l-ohra, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, mhijiex soddisfatta mill-ispjegazzjoni li ta l-appellant dwar il-provenjenza ta’ l-oggetti li nstabu fil-pussess tieghu u ghalhekk ghandu jitqies hati ta’ ricettazzjoni izda mhux tar-reat ta’ serq.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena li huwa jqis bhala esagerata. In vista ta’ dak li gie konkluz dwar il-mertu, sejjer ikun hemm temperament fil-piena.

Minbarra l-piena ghar-reati odjerni, pero`, l-ewwel Qorti ordnat ukoll li s-sentenza sospiza ta’ sena prigunerija imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistati tas-27 ta’ April 2001 tibda ssehh. Pero` meta gew kommessi r-reati li dwarhom ittiehdu dawn il-proceduri, is-subartikolu (2) ta’ l-artkolu 28E tal-Kodici Kriminali kien jipprovdi hekk:

**“Meta l-qorti li tkun qeghda tittratta mal-hati dwar sentenza sospiza li tkun ghadha ma bdietx issehh, taghmel ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 28B, u l-qorti tkun il-Qorti Kriminali jew l-istess qorti li tkun ghamlet l-ordni ghal sentenza sospiza, dik il-qorti ghandha tapplika d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta’ l-artikolu 17 u taghti zmien wiehed ta’ prigunerija skond dawk id-**

**disposizzjonijiet ghar-reat originali u ghar-reat l-iehor.”**

Dan is-subartikolu thassar permezz ta’ l-Att III ta’ l-2002 u ghalhekk fid-data tar-reati addebitati lill-appellant kien ghadu vigenti u sejjer jigi applikat minn din il-Qorti biex tigi determinata l-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt illi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u minflok tiddikjarah mhux hati ta’ dawk l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, tirrevokaha in kwantu qieset li r-reat kontemplat fl-artikolu 334 tal-Kap. 9 huwa kompriz u involut fir-reat principali tas-serq aggravat u minflok issibu hati ta’ dan ir-reat ta’ ricettazzjoni kif kontemplat fil-hames imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal prigunerija ghal perijodu ta’ tliet snin li minnhom ghandu jitnaqqas il-perijodu li ghamel taht arrest preventiv u in kwantu ordnat il-bidu fis-sehh tas-sentenza sospiza ta’ sena prigunerija minghajr ma applikat l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 u minflok, u bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9, tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu <u>komplessiv</u> ta’ sentejn u disa’ xhur bit-tnaqqis taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz biss u tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------